TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Claudine Sammut

vs

Powerhouse Malta

CCT 144/16/MS

5 ta' Gunju 2017

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti prezentat fis-27 ta' Lulju 2016 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' hames mitt Euro, prezz ta' sodda u danni illi kienet xtrat minghand l-intimat, liema sodda inkissrulha l-gnub wara biss sena ta' uzu.

Ra r-riposta tal-azjenda intimata fejn ma accetatx it-talba attrici peress illi s-sodda kienet tiswa mitejn u hamsin Euro u di piu ma kienx sodisfatt kif is-sodda setghet inqasmet b'dak il-mod, b'uzu normali.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti.

Ra illi r-rapprezentat tal-azjenda intimata ma deherx biex jaghti x-xhieda tieghu meta s-seduta kienet differita ghalhekk.

Ikkunsidra

Illi mhux kontestat illi r-rikorrenti xtrat sodda minghand l-azjenda intimata. L-anqas mhu kontestat illi din is-sodda imkissrulha l-gnub wara biss sena uzu. Il-kontestazzjoni qieghda biss fuq il-kawza ta' dan il-ksur. Filwaqt illi l-attrici qieghda tghid illi s-sodda intuzat b'mod normali minn tifla ta' hmistax il-sena, l-intimat, fir-risposta tieghu ighid li dan ma setax kien, ghax is-sodda ma kenitx tinqasam b'dak il-mod.

Ikkunsidra

Illi minkejja li r-rapprezentant tal-azjenda intimata wiegeb ghat-talba tar-rikorrenti, din ir-risposta ma gietx ikkonfermata bil-gurament, kwindi l-allegazzjoni tieghu tibqa' biss allegazzjoni fir-relm tal-possibbli li allura m'ghandha l-ebda valur probattiv quddiem dan it-Tribunal. Ghalhekk fadallu

biss ix-xhieda tar-rikorrenti, fejn xehdet bil-gurament li xtrat din is-sodda u wara sena ta' uzu inqassmet. L-attrici pprezentat ritratti ta' din is-sodda bil-genb maqsum u ma giex ikkontestat illi fil-fatt dik kienet is-sodda li l-attrici xtrat minghand l-azjenda intimata. Fix-xhieda taghha ir-rikorrenti tametti illi s-sodda kienet tiswa mitejn u hamsin Euro u mhux hames mitt Euro. Tajjeb jew hazin, ir-rikorrenti - jew it-tifla taghha - uzat din is-sodda ghal sena shiha u ghalhekk il-valur taghha qabel il-ksur, zgur illi ma kienx bhal dak ta' sodda gdida. Ghalhekk dan it-Tribunal jiffissa l-valur tas-sodda arbitrio bono viri fis-somma ta' mitt Euro.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba attrici u jikundanna lill-azjenda intimata li thallasha s-somma ta' mitt Euro (€100.00), kif fuq indikat, bi dritt illi wara l-hlas l-azjenda intimata tiehu lura s-sodda.

Bl-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Michela Spiteri LL.D**
**Arbiter**